MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru. 401/2009

**Il- Pulizija**
**[Spettur Frans Micallef]**

**vs**

**Catherine Bongailas**

Kumpilazzjoni Numru: 401/2009

Illum, 5 ta’ Ottubru, 2009

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Catherine Bongailas ta’ 43 sena, mart Raymond u bint Joseph Attard u Carmela nee’ Gheiti, iwmielda il-Pieta’, fl-10 ta’ Gunju, 1964 u residenti fil-fond “Rayine”, Triq tal-Handaq,

Qormi u detentrici tal- karta ta' l- identita` bin- numru 487464M.

Akkuzata talli fid-9 ta' Lulju, 2008 ghal habta tas-2:30pm, fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, ma' Triq l-Avjazzjoni, Luqa saqet vettura, numru KTN-664, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u involontarjament ikkagunat offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Sciciluna skond kif gie iccertifikat minn Dr.Agnes Cachia Pickard M.D (2863), kif ukoll ghamlet hsara fuq mutur numru FAN-842 ghad-dannu ta' sidu.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, l-imputata tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-artikoli 216, 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata kif ukoll l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta' l-imputata li hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 216, 218, 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet

migjuba kontra taghha u tikkundannaha multa ta' erbgha mitt Euro (€400) li ghandhom jithallsu fi zmien xahrejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------